MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Numru. 1425/2011

**Pulizija**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs**

**Raymond Pace**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Raymond Pace ta’ 52 sena, iben Emanuel u Josephine nee’ Pullicino, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Mejju 1959 u residenti gewwa 34, Gemini, Triq Guze Ellul Mercer, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 371759M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-Hamis 08 ta’ Dicembru 2011, ghall-habta tas-sebgha ta’ filghaxija (19:00hrs), gewwa 34, Gemini, Triq

Guze’ Ellul Mercer, Qormi, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Rita Pace skond kif iccertifikat minn Dr. Adrian Cordina MD.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Dicembru 2011 (esebit *a folio* 11 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident domestiku li sehh fit-8 ta’ Dicembru 2011 ghall-habta tas-7.00pm fejn waqt argument bejn zewg konjugi li kienu qeghdin fil-process ta’ separazzjoni personali allegatament gew kagunati griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Rita Pace li tigi mart l-imputat.

Illi Rita Pace li dehret waqt l-udjenza tat-23 ta’ Novembru 2012 ghazlet li ma tixhidx fil-konfronti tal-imputat peress li dan huwa zewgha. F’dawn il-proceduri gie prodott certifikat mediku li jindika li Dr. Adrian Cordina[1] ezamina lil Rita Pace fid-9 ta’ Dicembru 2011 u ccertifika li din kellha s-segwenti griehi:-

1. Abrasion nose
2. Abrasion inner aspect upper lip.
3. Swelling and bruising @ 4th finger.
4. Fracture @ 4th finger middle phalanx

[1] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta Jannar 2013

Illi fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat huwa cahad kategorikamet li kien ikkaguna xi griehi lil martu u spjega fid-dettall li kien inqala' incident bejniethom dwar l-ikel u martu bdiet tipprovokah quddiem uliedu izda huwa bl-ebda mod ma waqa' ghall-provokazzjonijiet taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq provi sal-grad ta' lil hin min kull dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li effettivament ikkaguna xi griehi lil martu Rita Pace.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------